(iii) Ikunu jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fil-paragrafu 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema.

(iv) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, inkluż id-dokumenti meħtieġa li jintbagħtu mal-applikazzjoni, għandhom jintbagħtu lill-uffiċċju indikat mill-Ministeru għall-Finanzi, mhux aktar tard minn *tliet xhur* mid-data tax-xiri tal-apparat speċjali. Huwa rrakkomandat li jekk id-dokumenti jintabagħtu bil-posta, dawn għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata. Formoli tal-applikazzjonijiet jinkisbu minn (www.finance.gov.mt) jew minn (www.sapport.gov.mt).

Applikazzjonijiet li jaslu 'tard', jiġifieri wara dawn it-tliet xhur, jiġu kkunsidrati bħala applikazzjonijiet invalidi.

5. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

Applikanti li jikkwalifkaw jistgħu japplikaw għall-għotja ta' mhux aktar minn 4.5% fuq il-valur tax-xiri ta' apparat speċjali mniżżel fuq l-ewwel parti tal-iskeda (B) u ta' mhux aktar minn 17.5% fuq il-valur tax-xiri ta' apparat speċjali mniżżel fuq it-tieni parti tal-iskeda (B) u sa għotja ta' limitu massimu ta' €400.

details of the person with disability on behalf of whom that entity is applying. The details shall include the name of the person with disability who is going to benefit from the equipment, the address and the Special Identity Card number of the person on behalf of whom the entity is applying;

(d) the original fiscal receipt relating to the purchase of the special equipment, together with the original invoice indicating the type of special equipment purchased.

In the case of special equipment not purchased from Malta the original invoice issued by the supplier indicating the type of special equipment purchased, together with the delivery note, the original documentary proof that final payment has been effected, and clearance from Maltapost/Department of Customs Malta as may be required. These documents must confirm that the special equipment was really purchased; that the purchase price of the special equipment which price includes duty and VAT as may be required was really paid in full; that such a purchase was effected by the purchaser for the applicant; and that the special equipment was delivered to the applicant's residence or to the residence of the person with disbility for whom the application would have been made. The special equipment must also have a certificate of conformity with EU standard safety regulations, as may be required;

(e) any other document which the Minister for Finance may, from time to time, require.

(iii) Only those applications that are found to conform with the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in paragraph 5 of this scheme.

(iv) Applications under this scheme, including the documents required to be submitted with the application, shall be furnished to an office as may be indicated by the Ministry for Finance, by not later than *three months* from the purchase of the special equipment. It is recommended that if documents are sent by post, registered mail should be used. Application forms are available from (www.finance.gov.mt) or on (www.sapport.gov.mt).

Applications received 'late', that is after the three month period, shall be demed to be invalid applications.

5. Grant payable under this scheme

Eligible applicants may apply for a grant of not more than 4.5% on the purchase price of the special equipment as listed in part one of schedule (B) and for a grant of not more than 17.5% on the purchase price of the special equipment as listed in part two of schedule (B), subject to a maximum capping of €400.

Dawn il-livelli massimi se jkunu applikabbli għal perjodu ta' ħames snin minn meta l-individwu jkun ibbenefika mill-ewwel għotja. Għalhekk individwu jista' japplika diversi drabi għal din l-iskema ta' għotja iżda ma jistax jeċċedi l-ammont kumulattiv tal-għotja/għotjiet b'iktar mill-livell massimu indikat. Dan jibqa' japplika għal perjodu ta' ħames snin.

6. Ħlas tal-għotja

L-għotja titħallas lill-applikant permezz ta' ċekk fl-indirizz li jidher fuq l-applikazzjoni.

7. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ma tkunx meqjusa valida jekk:

ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha;
ma jkollhiex mehmuż magħha d-dokumentazzjoni kollha rilevanti;
ma tkunx ipprovduta lill-uffiċċju indikat fi żmien tliet xhur mid-data tax-xiri tal-apparat speċjali kif stipulat fil-paragrafu 4 ta' din l- iskema.

8. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ mill-1 ta' Settembru, 2017, u sakemm din l-iskema ma tiġix modifikata/mitmuma permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u tiġġedded skont kif jaħseb li hemm il-ħtieġa il-Ministru għall-Finanzi, u kif tiġi hekk ppubblikata permezz ta' Notifikazzjoni oħra fil-Gazzetta.

9. Emendi għall-iskema

Il-Ministru għall-Finanzi jżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Dispożizzjoniet transitorji

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għall-infiq li jsir fuq il-valur tax-xiri ta' apparat speċjali, liema xiri jkun sar bejn id-data effettiva u d-data tal-publikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni, għandom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi taħt din l-iskema. F'dawn il-każijiet l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni.

SKEDI

Skeda A – Formola tal-Applikazzjoni
Skeda B – Lista ta' Apparat Speċjali Eliġibbli

Id-9 ta' Frar, 2018

This capping will be applicable for a five year period from when the individual would have benefitted from the first grant. Therefore an individual is able to apply multiple times for this grant scheme but the cumulative amount of the grant/s received cannot be more than the indicated maximum capping. This will apply for a period of five years.

6. Payment of grant

The grant will be paid to the applicant by cheque posted to the address shown on the application.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to be valid unless:

it is full and complete in all material aspects;
it is accompanied by all the relevant documentation;

it is furnished to the indicated office by not later than three months from the date of purchase of the special equipment as is stipulated in paragraph 4 of this scheme.

8. Duration of the scheme

This scheme shall remain in force from the 1st September, 2017, and up until this scheme is not modified/terminated by means of a Notice in the Government Gazette and shall be renewed as deemed necessary by the Minister for Finance and as such shall be thus published in another Notice in the Gazette.

9. Amendments to the scheme

The Minister for Finance reserves the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

10. Transitory provisions

Applications made under this scheme relating to the expenditure on the purchase price of special equipment, and which purchase was carried out between the effective date and the date of publication of this Notice, shall be deemed to be valid applications under this scheme. In such cases applications shall be submitted within three months from the date of publication of this Notice.

SCHEDULES

Schedule A – Application Form
Schedule B – List of Eligible Special Equipment

9th February, 2018

SKEDA A

AĠENZIJA SAPPORT

APPLIKAZZJONI GĦAL SUSSIDJU FUQ IX-XIRI TA' APPARAT SPEĊJALIZZAT GĦALL-UŻU MINN PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Parti A: Dettalji ta'min ser ikun qed jagħmel użu mill-apparat speċjalizzat u dettalji tal-apparat.
Din il-parti għandha timtela minn kull kategorija ta' applikanti.

Isem		**Kunjom**	

Nru. tal-Karta tal-Identità		**Nru. tal-Karta tal-SID**	

Indirizz	

Deskrizzjoni tal-apparat speċjalizzat	

Il-prezz tal-apparat speċjalizzat	**€**	**In-numru tal-VAT number tal-bejjiegħ tal-apparat speċjalizzat (jekk applikabbli)**	**€**

Firma		**Data**	

Parti B: Dettalji tal-applikant li qed japplika f'ismu jew f'isem persuna b'diżabilità.
F'każ ta' organizzazzjoni non-governattiva, imla Parti Ċ.

Isem		**Kunjom**	

Nru. tal-Karta tal-Identità		**Nru. tal-Karta tal-SID**	

Nru. tat-telefon		**Nru. tal-mowbajl**	

Email	

Indirizz	

Parti Ċ: Dettalji dwar l-organizzazzjoni non-governattiva.
F'każ li persuna qed tapplika f'isimha jew f'isem persuna b'diżabilità, imla Parti B.

Isem tal-organizzazzjoni	

Numru tar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni mal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji	

Indirizz tal-organizzazzjoni			
Nru. tat-telefon		**Email**	

Parti D: Lista ta' dokumenti meħtieġa ma' din il-formola

- Kopja tal-karta tal-identità tal-persuni b'diżabilità;
- Jekk din l-applikazzjoni qed tiġi sottomessa f'isem persuna b'diżabilità, kopja tal-karta tal-identità ta' min qed japplika. Fiż-żewġ każijiet, jekk ma jkunx hemm kopja tal-karta tal-identità, għandu jiġi provdut dokument uffiċċjali ieħor kif deskritt f'paragrafu 4(ii)(b) ta' dan l-Avviż;
- Irċevuta fiskali oriġinali;
- Fattura (*invoice*) oriġinali;
- F'każ li l-apparat speċjalizzat ma jkunx mixtri minn Malta:
  - Il-fattura (*invoice*) oriġinali mingħand is-supplier tal-apparat speċjalizzat;
  - Id-*delivery note* u dokumenti oriġinali li juru li sar il-ħlas kollu;
  - Skont il-ħtieġa, *clearance* mill-Maltapost / Dipartiment tad-Dwana. Dawn id-dokumenti għandhom jikkonfermaw li: (i) l-apparat speċjalizzat veru nxtara; (ii) il-prezz tal-appararat speċjalizzat, liema prezz ikun jinkludi t-taxxa u l-VAT skont il-każ, veru tħallas kollu; (iii) li dan ix-xiri sar mill-applikant għall-applikant; u li (iv) l-apparat speċjalizzat wasal fir-residenza tal-applikant jew fir-residenza tal-benefiċjarju tal-apparat.
  - L-apparat mixtri jrid ikollu wkoll ċertifikat ta' konformità mal-istandards Ewropej tas-sigurtà, skont kif ikun meħtieġ.

Jiena nitlob li l-pagament ta' dan is-sussidju jsir kif ġej:

Isem: _____

Indirizz: _____

Jien niddikjara li dawn id-dettalji u l-informazzjoni li tajt f'din l-applikazzjoni huma kollha tajbin. Jien qed nagħti wkoll id-dokumenti kollha mitluba ma' din l-applikazzjoni. Jien niddikjara wkoll li din it-talba hija finali.

_____	_____	_____	_____
Isem l-applikant	**Firma**	**Data**	**Tel.**

NOTI:

F'każ ta' frodi, il-Ministgeru tal-Finanzi jista' jibda proċessi kriminali kontra dawk responsabbli. F'każ li jsir pagament żbaljat għal

talba li tkun saret, l-istess Ministeru jirriserva d-dritt li jiġbor lura l-flus imħallsa b'mod żbaljat.

Din l-applikazzjoni għandha tkun indirizzata lill-Aġenzija Sapport, u flimkien mad-dokumenti mitluba, tintbagħat lill-Aġenzija fi żmien 3 xhur mid-data tax-xiri tal-apparat speċjalizzat. Hu rakkomandat li jekk id-dokumenti jintbagħtu bil-posta, wieħed għandu juża posta reġistrata. Applikazzjonijiet li jaslu wara dan il-perjodu stabbilit ta' 3 xhur, jiġu meqjusa bħala applikazzjonijiet invalidi.

Informazzjoni personali pprovduta f'din l-applikazzjoni tiġi protetta u użata skont il-Liġi Dwar il-Privatezza tad-Data.

L-informazzjoni f'din l-applikazzjoni ser tiġi użata mill-Ministeru tal-Finanzi, il-Kummissarju tat-Taxxi u l-Aġenzija Sapport.

Din l-applikazzjoni tinsab ukoll bil-verżjoni Ingliża.
Jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Aġenzija Sapport fuq 2256 8000 għal aktar tagħrif.

SCHEDULE A

AĠENZIJA SAPPORT

APPLICATION FOR A GRANT ON THE PURCHASE OF SPECIAL EQUIPMENT FOR USE BY PERSONS WITH DISABILITY

(Please write in BLOCK letters and use blue ink)

Part A: Details of who will be using the Special Equipment and details of the Special Equipment.
This part has to be filled in by ALL categories of applicants.

Name		**Surname**	
ID Card N°		**SID Card N°**	
Address			
Description of the Special Equipment			
Purchase Price of the Special Equipment	**€**	**VAT number of the seller of the Special Equipment (if applicable)**	**€**
Signature		**Date**	

Part B: Details of applicant who is applying on own behalf or on behalf of a person with disability.
In the case of Non-Governmental Organisations, fill in Part C.

Name		**Surname**	
ID Card N°		**SID Card N°**	
Telephone N°		**Mobile N°**	

E-mail	

Address	

Part C: Details of the Non-Governmental Organisation.
In the case of an individual who is applying on own behalf or on behalf of a person with disability, fill in Part A.

Name of organisation	

Registration number with Commissioner for Voluntary Organisations	

Address of organisation			
Telephone N°		**E-mail**	

Part D: Documents that need to be submitted together with the application.

- A copy of the Identity Card of the person with disability;
- If this application is being submitted on behalf of a person with disability, a copy of this person's ID Card. In both cases, in the absence of an ID Card, a copy of any other official document as described in paragraph 4(ii)(b) of this Notice is to be submitted;
- The original fiscal receipt of the special equipment;
- The original invoice of the special equipment;
- In the case of special equipment not purchased from Malta:
  - the original invoice issued by the supplier of the special equipment;
  - the delivery note and original documentary proof that final payment has been effected;
  - As may be required, clearance from Maltapost / Department of Customs. These documents must confirm that: (i) the special equipment was really purchased; (ii) that the purchase price of the special equipment, which price includes duty and VAT as may be required, was really paid in full; (iii) that such a purchase was

effected by the applicant for the applicant; and that (iv) the special equipment was delivered to the applicant's residence or to the residence of the special equipment's beneficiary. The purchased special equipment must also have a certificate of conformity with EU standard safety regulations, as may be required.

I request that payment of the grant be made as follows:

Name: _____

Address: _____

I declare that the details and the information in this application are correct. I am also submitting all the required documents with this application form. I further declare that this claim is final.

_____	_____	_____	_____
Name of applicant in full	**Signature**	**Date**	**Tel.**

Notes:

Where a fraudulent claim arises, the Ministry for Finance may institute criminal proceedings against those responsible. In the event of an incorrect payment of a claim, the same Ministry reserves the right to recover funds paid in error.

*This application shall be addressed to **AĠENZIJA SAPPORT**, together with all the relevant documents, and shall be delivered at the Agency **by not later than three months from the date of purchase of the special equipment**. It is recommended that if documents are sent by post, registered mail should be used. Applications received after this three-month period, shall be deemed to be invalid applications.*

Personal information provided on this form is protected and used in accordance with the Data Protection Act.

The information shown on this application form will be used by the Ministry for Finance, the Commissioner for Revenue and Aġenzija Sapport.

This application form is also available in Maltese.
Please contact Aġenzija Sapport on 2256 8000 for more details.

SKEDA B

L-Ewwel Parti

Adattament tal-karozzi, inklużi kontrolli tal-idejn u *seats* li jduru;*
Amplifiers għall-apparat komunikattiv għall-persuni neqsin mis-smigħ;
Bath tub lifters;
Typewriters tal-*Braille* u *embossers*;
Bsaten Bojod;
Bsaten u *Ferrules*;
Buggies speċjali;
Chairlifts;
Gutter Frames;
Hoists;
Lifts biex iddaħħal is-siġġu tar-roti fil-karozza;*
Mouth sticks;
Platform stair lifts;
Pressure relief cushions;
Prone standers;
Saqqijiet għal kontra l-feriti;
Sedili għoljin tat-*toilet*;
Sedili tat-*toilet* li jintefħu;
Siġġijiet tar-roti manwali;
Siġġijiet tar-roti tal-elettriku;
Seats speċjali;
Siġġijiet *special feeder*;
Swimming Pool Lifters;
Toilet frames/surrounds;
Walkers speċjali tat-tfal.

* Tapplika għall-modifikazzjonijiet li huma meħtieġa fuq vetturi li kienu diġà propjetà tal-applikant.

SCHEDULE B

First Part

Customisation of vehicles, including hand controls and moveable seats;*
Amplifiers for communications devices for persons with impaired hearing;
Bath tub lifters;
Braille typewriters and embossers;
White Sticks;
Walking Sticks and Ferrules;
Special Buggies;
Chairlifts;
Gutter Frames;
Hoists;
Wheelchair lifts for vehicles;*
Mouth sticks;
Platform stair lifts;
Pressure relief cushions;
Prone standers;
Pressure relief mattresses;
Raised toilet seats;
Padded/Inflatable toilet seats;
Manual wheelchairs;
Powered wheelchairs;
Special seats;
Special feeder chairs;
Swimming pool lifters;
Toilet frames/surrounds;
Children special walkers.

* Applies to modifications that are required to vehicles that are already pre-owned by the applicant.

It-Tieni Parti

Sodod speċjali (sodod b'għoli varjabbli, idrawliċi jew motorizzati);
Pultruni *Lifting* u/jew *Reclining*;
Apparat ta' għajnuna fil-kamra tal-banju bħal siġġijiet tax-*shower* u *grab rails;*
Guide Dogs (Liċenzjati mill-*Malta Guide Dog Foundation*);

Service Dogs (Liċenzjati mill-*Malta Service Dog Association*);

Magni tal-*continuous positive airway pressure therapy* (CPAP);
Scooters li jiffaċilitaw il-mobilità;
Computers;
Reader Pens (*pen format OCR scanners* u *speech enabled readers* għall-persuni bid-dyslexia jew livell ta' viżjoni baxx ħafna;

Second Part

Variable height beds, hydraulic or motorized;

Lifting/Reclining armchairs;
Bathroom aids (eg: shower chairs, grab rails);

Guide Dogs (Licensed through the Malta Guide Dog Foundation);
Service Dogs (Licensed through the Malta Service Dog Association);
Continuous positive airway pressure therapy (CPAP) machines;
Mobility Scooters;
Computers;
Reader Pens (pen format OCR scanners and speech enabled readers for persons with Dyslexia, or very low vision;

Apparat speċifikament għall-għomja (bħal *displays* ta' tipa kbira u *voice based output),* bħal *victor reader, CCTV magnifiers* u *OCR scanners*;
Teknoloġija ta' *smart home automation* meta tkun installata għall-benefiċċju ta' persuni b'mard newro deġenerattiv u persuni li jużaw il-*wheelchair;*
Teknoloġija li taħdem b'*eye tracking* u *head tracking* meta użata għall-benefiċċju ta' persuni b'diżabilita sabiex tgħinhom fl-i*screen pointer control* u/jew fil-kommunikazzjoni tat-tip a*ssistive and augmentative;*
Prodotti ta' teknoloġija assistiva bħal *TheGrid, Clicker8, Boardmaker, Dragon Naturally Speaking*.

Devices specifically for the blind (like large character display and voice based output) like victor reader, CCTV magnifiers and OCR scanners;
Smart home automation technology when being installed for the benefit of persons with neuro-degenerative diseases and wheelchair users;
Eye tracking and head tracking technology products when used to benefit persons with disability so as to enable screen pointer control and/or Assistive and Augmentative Communication;
Assisitve technology products like TheGrid, Clicker8, Boardmaker, Dragon Naturally Speaking.

Nru. 165

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 165

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
9.2.2018	€34.786	€0.460

Id-9 ta' Frar, 2018

9th February, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 16

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala *tow zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Mosta

Kull moviment tat-traffiku (transitu jew ipparkjar) huwa pprojbit nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Frar, 2018, mis-1.00 p.m. sad-9.00 p.m., f'dawn it-toroq: Triq l-Oratorju Qalb ta' Ġesu, Pjazza Mons. Anġ Camilleri, Triq Stivala, Triq il-Kbira, Pjazza Rotunda u ħdejn il-Knisja Arċipretali.

POLICE NOTICE

No. 16

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Mosta

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited on Wednesday, 14th February, 2018, between 1.00 p.m. and 9.00 p.m., along these streets: Triq l-Oratorju Qalb ta' Ġesu, Pjazza Mons. Anġ Camilleri, Triq Stivala, Triq il-Kbira, Pjazza Rotunda and near Archipretal Church.

Kull moviment tat-traffiku (transitu jew ipparkjar) huwa pprojbit nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Marzu, 2018, mis-2.00 p.m. sal-11.00 p.m., f'dawn it-toroq: Ħdejn il-Knisja Arċipretali, Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq San Ġwann, Triq Grognet, Triq it-Torri, Triq Gerolamo Cassar, Triq Ġużeppi Callus u Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Kull moviment tat-traffiku (transitu jew ipparkjar) huwa pprojbit nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Marzu, 2018, mis-2.00 p.m. sal-11.00 p.m., f'dawn it-toroq: ħdejn il-Knisja Arċipretali, Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq Stivala, Pjazza Mons. Anġ Camilleri, Triq Ponsoby, Triq Angelo Gatt u Triq il-Kungress Ewkaristiku,

Kull moviment tat-traffiku (transitu jew ipparkjar) huwa pprojbit nhar il-Ħadd, il-25 ta' Marzu, 2018, mill-5.00 a.m. sal-11.30 p.m., f'dawn it-toroq: ħdejn il-Kappella tal-Madonna tal-Isperanza, Triq l-Isperanza, Triq il-Kbira u Pjazza Rotunda.

Kull moviment tat-traffiku (transitu jew ipparkjar) huwa pprojbit nhar it-Tnejn, is-26 ta' Marzu, 2018, mis-2.00 p.m. sat-8.00 p.m., f'dawn it-toroq: Pjazza Mons. Anġ Camilleri, Triq l-Oratorju, Triq il-Kbira u Pjazza Rotunda.

Kull moviment tat-traffiku (transitu jew ipparkjar) huwa pprojbit nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Marzu, 2018, minn nofsillejl sal-11.59 p.m., f'dawn it-toroq: Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Ġnejna, Pjazza Brittanja, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq it-Torri u Triq Stivala.

Kull moviment tat-traffiku (transitu jew ipparkjar) huwa pprojbit nhar il-Ħadd, l-1 ta' April, 2018, mis-2.00 p.m. sal-11.59 p.m., f'dawn it-toroq: Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Pont, Triq Carmelo Dimech, Triq il-Biċċerin, Triq Ħtajriet, Triq Sant'Anton Abbati, Triq il-Barrieri, Triq Gafà, Triq il-Kungress Ewkaristiku u ħdejn il-Knisja Arċipretali.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Frar, 2018

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited on Friday, 9th March, 2018, between 2.00 p.m. and 11.00 p.m., along these streets: Near Archipretal Church, Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq San Ġwann, Triq Grognet, Triq it-Torri, Triq Gerolamo Cassar, Triq Ġużeppi Callus and Triq il-Kungress Ewkaristiku.

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited on Friday, 23rd March, 2018, between 2.00 p.m. and 11.00 p.m., along these streets: near Archipretal Church, Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq Stivala, Pjazza Mons. Anġ Camilleri, Triq Ponsoby, Triq Angelo Gatt and Triq il-Kungress Ewkaristiku,

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited on Sunday, 25th March, 2018, between 5.00 a.m. and 11.30 p.m., along these streets: Near Madonna tal-Isperanza chapel, Triq l-Isperanza, Triq il-Kbira and Pjazza Rotunda.

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited on Monday, 26th March, 2018, between 2.00 p.m. and 8.00 p.m., along these streets: Pjazza Mons. Anġ Camilleri, Triq l-Oratorju, Triq il-Kbira and Pjazza Rotunda.

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited on Friday, 30th March, 2018, between midnight and 11.59 p.m., along these streets: Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Ġnejna, Pjazza Brittanja, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq it-Torri and Triq Stivala.

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited on Sunday, 1st April, 2018, between 2.00 p.m. and 11.59 p.m., along these streets: Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Pont, Triq Carmelo Dimech, Triq il-Biċċerin, Triq Ħtajriet, Triq Sant'Anton Abbati, Triq il-Barrieri, Triq Gafà, Triq il-Kungress Ewkaristiku and near Archipretal Church.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

9th February, 2018

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 17

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Frar, 2018, mit-4.00 p.m. sas-6.30 p.m., minn Triq San Filippu u Triq Santa Marija.

POLICE NOTICE

No. 17

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Ħal Għaxaq

On Friday, 9th February, 2018, from 4.00 p.m. till 6.30 p.m., through Triq San Filippu and Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq Santa Marija, Triq Santu Rokku, Vjal il-Labour u l-pjazza.

Nhar it-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq Santa Marija, Vjal il-Labour, Triq G. M. Farrugia u Triq San Ġużepp.

Nhar it-Tlieta, it-13 ta' Frar, 2018, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq Santa Marija, Vjal il-Labour, Triq G. M. Farrugia u Triq San Ġużepp.

Nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Frar, 2018, mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Triq il-Belt Valletta, Triq San Filippu, Misraħ Santu Rokku u Triq Santa Marija

Il-Gudja

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Frar, 2018, mis-6.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Triq San Ċiru, Triq Raymond Caruana, Vjal it-Torri u l-pjazza

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Frar, 2018

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA,
KULTURA U GVERN LOKALI

Post ta' *Junior Legal Officer* fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Gvern Lokali, Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Junior Legal Officer* fl-imsemmija Divizjoni għall-Gvern Lokali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija sUġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' *Junior Legal Officer* huwa ta' Skala ta' Salarju 9, €20,590.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €23,274.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Junior Legal Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Legal Officer* fi Skala 8 (€21,951.02 x €486.83 - €24,872) wara sentejn servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u sakemm ikollha mill-inqas tliet (3) snin ta' prattika wara li tkun kisbet il-*warrant*.

On Sunday, 11th February, 2018, from 6.00 p.m. onwards, through Triq Santa Marija, Triq Santu Rokku, Vjal il-Labour and the square.

On Monday, 12th February, 2018, from 3.00 p.m. onwards, through Triq Santa Marija, Vjal il-Labour, Triq G. M. Farrugia and Triq San Ġużepp.

On Tuesday, 13th February, 2018, from 6.00 p.m. onwards, through Triq Santa Marija, Vjal il-Labour, Triq G. M. Farrugia and Triq San Ġużepp.

On Wednesday, 14th February, 2018, from 5.00 p.m. till 7.00 p.m., through Triq il-Belt Valletta, Triq San Filippu, Misraħ Santu Rokku and Triq Santa Marija

Gudja

On Sunday, 18th February, 2018, from 6.00 a.m. till 1.00 p.m., through Triq San Ċiru, Triq Raymond Caruana, Vjal it-Torri and the square

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

9th February, 2018

MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE
AND LOCAL GOVERNMENT

Post of Junior Legal Officer in the Local Government Division

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (Local Government), Ministry for Justice, Culture and Local Government invites applications for the post of Junior Legal Officer in the said Local Government Division.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of (12) months.

2.2 The salary for the post of Junior Legal Officer is Salary Scale 9, that is, €20,590.02 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €23,274.

2.3 A Junior Legal Officer will be promoted to the grade of Legal Officer in Scale 8 (€21,951.02x €486.83 - €24,872) on completion of 2 years' service in the grade, subject to satisfactory performance and provided that the person has been practicing for at least three (3) proven years after obtaining the warrant.

2.4 Persuna fil-grad ta' *Legal Officer* (Skala ta' Salarju 8) titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€23,430.98 x €531.17 - €26,618) wara 6 snin servizz fil-grad ta' *Legal Officer,* dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-persun magħżula trid tassigura li din topera fil-qafas tal-Kodiċi ta' Etika u tal-paragrafu 6.2.3 tal-*Public Service Management Code* u ma tista' tagħmel l-ebda xogħol barra mill-ħin tax-xogħol mal-Gvern li jista' jkun kontra l-interess tal-istess Gvern u/jew li jista' jwassal għal kunflitt ta' interess jew ixekkel l-operat tad-dmirijiet uffiċjali tagħha mal-Gvern. Xogħol privat jista' jsir biss bil-permess tas-Segretarju Permanenti, liema talba għal dan ix-xogħol trid issir permezz tad-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali).

2.6 Jekk persuna magħżula tkun impjegata ma' xi organizzazzjoni fis-Settur Pubbliku din trid tagħmel l-arranġamenti hi stess għar-rilaxx tagħha mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Junior Legal Officer* fid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, li tkun ibbażata f'Malta, tkun meħtieġa li jkollha *warrant* biex tipprattika ta' avukat, jinkludu li:

Tagħti pariri lid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali u lid-direttorati fi ħdan id-Diviżjoni dwar leġiżlazzjoni tal-Gvern Lokali u materji legali nazzjonali u internazzjonali;

Tabbozza u tipproċessa sal-pubblikazzjoni, emendi għal-leġiżlazzjoni u *Bye-Laws* tal-Kunsilli Lokali, u l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE;

Tivvettja kuntratti u dokumenti legali oħra kif meħtieġ;

Tikkordina mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali meta meħtieġ;

Tirrappreżenta lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fil-każijiet kollha fil-Qrati Maltin u Għawdxin;

Taqdi d-dmirijiet l-oħra skont struzzjonijiet mis-Segretarju Permenenti u/jew id-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali;

Taqdi d-dmirijiet l-oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

2.4 An officer in the grade of Legal Officer (Salary Scale 8) will progress to the Salary Scale 7 (€23,430.98x €531.17 - €26,618) on completion of 6 years' service in the grade of Legal Officer, subject to satisfactory performance.

2.5 The appointee must ensure that s/he operates within the framework of the Code of Ethics and of Section 6.2.3 of the PSMC, and will not carry any form of work outside of Government employment which may be against the interest of Government and/or which may lead to a conflict of interest or interfere with the performance of his/her official duties with the Government. Private work invariably necessitates the permission of the Permanent Secretary, which application is to be make through the Director General (Local Government).

2.6 If a selected applicant is an employee from an organization in the wider Public Sector, he/she must make his/her own arrangements for his/her release to the Local Government Division.

Duties

3. The duties of Junior Legal Officer in the Local Government Division, who will be based in Malta, and who will be required to be in possession of a warrant to practice as a lawyer, include:

Giving advice to the Director General and the directorates within the Division on local government legislation and related national and international legal issues;

Drafting and processing up to publication, of amended legislation, and Local Councils Bye-Laws, and harmonization of EU legislation;

Vetting of agreements and other legal documentation as required;

Liaising with the Office of the Attorney General whenever necessary;

Representing the Local Government Division in all cases in the Maltese and Gozitan Law Courts;

Carrying out any other duties as directed by the Permanent Secretary and/or Director General (Local Government);

Perform any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom *warrant* biex jippratikaw ta' avukat f'Malta.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati,

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) must be proficient in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of the warrant to practice the profession of Advocate in Malta.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be

basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq jew ogħla, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa ta' applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa ta' applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali u/jew attestazzjonijiet għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a recognized MQF level program of study, as required in the aforementioned eligibility criteria or higher, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu fid-Dipartiment għall-Gvern Monitoraġġ u Sapport f'26, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2018. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport f'26, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u indirizz elettroniku tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport huma (www.localgovernment.gov.mt) u (hr.dlg@gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2018

Selection procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100 and the pass mark is 50.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Department for Local Government Monitoring and Support at 26, Triq l-Arċisqof, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd February, 2018. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Department for Local Government, Monitoring and Support, 26, Triq l-Arċisqof, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and e-mail address of the receiving Department for Local Government, Monitoring and Support are (www.localgovernment.gov.mt) and (hr.dlg@gov.mt).

9th February, 2018

KULLEĠĠ MIKIEL ANTON VASSALLI
The National College for Further Education

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għal Rappreżentanti tal-RAD

Il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli – Il-Kulleġġ Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ulterjuri, qed jistieden rappreżentanti tal-RAD biex jiżviluppaw programm ta' taħriġ għall-istudenti li jattendu lezzjonijiet tal-*Ballet* fl-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva, Ix-Xewkija, Għawdex, għall-perjodu bejn Frar u Mejju/Ġunju 2018. Il-persuna magħżula tkun mitluba wkoll toffri *mentoring* fl-istess skola.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

i Ċertifikat fl-istudji tat-tagħlim tal-Ballet;

ii Għalliema reġistrata mar-Royal Academy of Dance (RAD).

Ħlas

Ħlas isir bir-rata ta' €21.42 fis-siegħa.

Applikazzjonijiet

Applikazzjonijiet, li jinkludu ittra ta' motivazzjoni u *Europass Curriculum Vitae* flimkien ma' kopji ta' ċertifikati u/jew testimonjanzi se jiġu milqugħa mill-Prinċipal tal-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli permezz tal-*email* (mavassalli.college@ilearn.edu.mt) sa mhux iktar tard minn nofsinhar tal-Ħamis, 15 ta' Frar, 2018.

Id-9 ta' Frar, 2018

MIKIEL ANTON VASSALLI COLLEGE
The National College for Further Education

Call for Expression of Interest for RAD Representatives

Mikiel Anton Vassalli College – The National College for Further Education, is inviting RAD Representatives to develop a training programme for the students attending Ballet classes in the School of Visual and Performing Arts, Xewkija, Gozo, for the period February to May/June 2018. The selected person will also be required to offer mentoring sessions at the same school.

Eligibility Criteria

i a Certificate in Ballet Teaching Studies;

ii Registration as a teacher with the Royal Academy of Dance (RAD).

Remuneration

Payment will be at an hourly rate of €21.42.

Applications

Applications, in the form of a motivational letter and a Europass Curriculum Vitae together with scanned certificates and/or testimonials will be received in the first instance by the College Principal at Mikiel Anton Vassalli College via email (mavassalli.college@ilearn.edu.mt) by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 15th February, 2018.

9th February, 2018

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) – 2018

It-Tieni Parti: Eżamijiet bil-Miktub

Id-Direttur tal-Eżamijiet jixtieq javża li l-avviżi hawn fuq imsemmija ntbagħtu lill-kandidati konċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana, bin-numru tat-telefown 2598 2987.

Id-9 ta' Frar, 2018

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examinations for the Enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) – 2018

Part II: Written Examinations

The Director of Examinations notifies that the above mentioned notices have been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice are invited to contact immediately the Department of Examinations, Floriana, on telephone number 2598 2987.

9th February, 2018

TRANSPORT MALTA

Għeluq ta' Toroq

Transport Malta tgħarraf li minħabba ġbid ta' film, dawn it-toroq se jkunu magħluqa għat-traffiku u se jkun hemm tibdil fis-sistema ta' parkeġġi fl-istess toroq u fl-inħawi, kif ġej:

Nhar it-Tlieta, l-20 ta' Frar, 2018 – Għajn Tuffieħa u l-Imtaħleb

Ħadd ma jista' jipparkja:

Fil-parkeġġ pubbliku tar-Riviera, fil-parkeġġ ta' ħdejn il-bajja u fi Triq Għajn Tuffieħa, mit-Tnejn, id-19 ta' Frar, 2018, minn nofsinhar, sat-Tlieta , l-20 ta' Frar, 2018 sad-9.00 p.m.;

Min-naħa ta' fuq tal-Imtaħleb sa Miġra l-Ferħa mis-7.00 a.m. sas-6.00 p.m.

Nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Frar, 2018 – Ħ'Attard

Ħadd ma jista' jipparkja:

Fi Triq Dun Mikele Balzan, Ħ'Attard, mit-Tlieta, l-20 ta' Frar, 2018, mill-4.00 p.m., sal-Erbgħa, il-21 ta' Frar, 2018 sad-9.00 p.m.;

Fi tliet spazji quddiem il-*Pottery* ta' Villa Bologna u l-istess quddiem Villa Bologna fi Triq Sant'Antnin.

Nhar il-Ħamis, it-22 ta' Frar, 2018 – Marsaxlokk; Il-Miżieb

Ħadd ma jista' jipparkja:

Ġewwa u madwar Palazzo Marnisi u f'parti minn Triq iż-Żejtun, nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Frar, 2018, mill-5.00 p.m., sal-Ħamis, it-22 ta' Frar, 2018 fid-9.00 p.m.

Nhar il-Ħamis, it-22 ta' Frar, 2018, mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m., se tingħalaq it-triq li tibda minn l-Limbordin fuq it-Triq ta' Għajn Tuffieħa sal-Mellieħa *bypass* li tgħaddi mill-Miżieb.

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2018 – l-Imdina; ir-Rabat; il-Madliena; il-Belt Valletta

Ħadd ma jista' jipparkja:

Fi Triq Magazine; Triq San Pietru; fejn il-Kappella ta' San Pietru; Misraħ Mesquita; Pjazza tas-Sur, L-Imdina, mill-Ħamis, it-22 ta' Frar, 2018, fit-8.00 a.m., sal-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2018 fid-9.00 p.m.;

TRANSPORT MALTA

Road Closures

Transport Malta notifies that due to filming, the following streets will be closed to traffic. Parking in the same streets and in the area will also be affected, as follows:

On Tuesday, 20th February, 2018 – Għajn Tuffieħa and L-Imtaħleb

No parking allowed:

In the Riviera public car park, in the parking area near the beach and in Triq Għajn Tuffieħa from Monday, 19th February, 2018, from noon, till Tuesday, 20th February, 2018 at 9.00 p.m.;

From upper Imtaħleb to Miġra l-Ferħa from 7.00 a.m. to 6.00 p.m.

On Wednesday, 21st February, 2018 – Ħ'Attard

No parking allowed:

In Triq Dun Mikele Balzan Ħ'Attard, from Tuesday, 20th February, 2018, at 4.00 p.m., till Wednesday, 21st February, 2018 till 9.00 p.m.;

In the 3 parking spaces in front of The Pottery of Villa Bologna and same in front of Villa Bologna in Triq Sant'Antnin.

On Thursday, 22nd February, 2018 – Marsaxlokk; il-Miżieb

No parking allowed:

Inside and around Palazzo Marnisi in Marsaxlokk and part of Triq Iż-Żejtun Marsaxlokk, from Wednesday, 21st February, 2018, at 5.00 p.m., till Thursday, 22nd February, 2018 at 9.00 p.m.

The road from Limbordin in Triq Għajn Tuffieħa up to Mellieħa bypass, via Miżieb will be closed on Thursday, 22nd February, 2018, from 7.00 a.m. till 7.00 p.m.

On Friday, 23rd February, 2018 – Mdina; Rabat; Madliena; Valletta

No parking allowed:

In Triq Magazine; Triq San Pietru; near St Peter's Chapel; Mesquita Square; Bastion Square, from Thursday, 22nd February, 2018, at 8.00 a.m., to Friday, 23rd February, 2018 at 9.00 p.m.;

Fil-*Greek Gate*, L-Imdina, mill-Ħamis, it-22 ta' Frar, 2018, fl-4.00 p.m., sal-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2018 fl-10.00 p.m.;

Fi Triq San Pawl; Triq il-Kbira; Triq ir-Repubblika, Ir-Rabat, mill-Ħamis, it-22 ta' Frar, 2018 fit-8.00 a.m. sal-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2018 fid-9.00 p.m.

F'xi ħinijiet matul il-jum tal-Ġimgħa, it-traffiku fi Triq San Pawl u fi Triq il-Kbira, jintalab jgħaddi minn bnadi oħra.

Fi Triq San Franġisk Assisi fil-Madliena mill-Ħamis, it-22 ta' Frar, 2018, fid-9.00 p.m., sal-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2018 fl-10.00 p.m;

Fi Triq Frederick u fi Triq il-Batterija, Il-Belt Valletta, quddiem il-*British Hotel*, mill-Ġimgħa, it-23 Frar, 2018, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl;

Quddiem il-Pixkerija mill-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2018, fis-6.00 a.m., sa nofsillejl tal-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018;

Quddiem il-Ministeru tal-Enerġija u l-Ilma il-Belt mill-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2018 fil-5.00 p.m. sa nofsillejl tal-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018;

F'Xatt il-Barriera, Il-Belt Valletta mill-Ġimgħa, it-23 ta' Frar, 2018, fis-1.00 p.m., sal-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018 f'nofsillejl.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018 – Tal-Pietà; Il-Belt Valletta

Ħadd ma jista' jipparkja:

Quddiem iċ-ċimiterju ta' Braxia Tal-Pietà mis-Sibt, l-24 ta' Frar, 2018, fl-4.00 p.m., sal-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018 fl-istess ħin;

Fi Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta, kantuniera ma' Triq Sant'Ursula mill-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018, mis-6.00 a.m. sad-9.00 p.m.;

F'żewġ spazji fi Triq San Pawl, Il-Belt Valletta, kantuniera ma' Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta, mill-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018, mis-6.00 a.m. sad-9.00 p.m.;

Fi Triq Melita, Il-Belt Valletta, mill-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018, minn nofsinhar sa nofsillejl;

Fi Triq Girolomo Cassar, Il-Belt Valletta, mill-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018, mid-9.00 a.m. sa nofsillejl.

Nhar l-Erbgha, it-28 ta' Frar, 2018 – Palazz tal-Inkwiżitur - Il-Girgenti

Ħadd ma jista' jipparkja f'partijiet minn:

In Greek Gate, Mdina, from Thursday, 22nd February, 2018, at 4.00 p.m., till Friday, 23rd February, 2018 at 10.00 p.m.;

In Triq San Pawl; Triq il-Kbira; Triq ir-Repubblika, Rabat from Thursday, 22nd February, 2018 at 8.00 a.m. till Friday, 23rd February, 2018 till 9.00 p.m.

At times, during Friday, traffic in Triq San Pawl and in Triq il-Kbira, traffic will be diverted.

In Triq San Franġisk Assisi l-Madliena from Thursday, 22nd February, 2018, at 9.00 p.m., till Friday, 23rd February, 2018 at 10.00 p.m.;

In Triq Frederick and in Triq il-Batterija, Valletta in front of the British Hotel from Friday, 23rd February, 2018 at 6.00 a.m. to midnight;

In front of il-Pixkerija from Friday, 23rd February, 2018 at 6.00 a.m. to Sunday, 25th February, 2018 at midnight;

In front of the Ministry for Energy and Water Management from Friday, 23rd February, 2018 from 5.00 p.m. till Sunday, 25th February, 2018 at midnight;

In Xatt il-Barriera, Valletta from Friday, 23rd February, 2018, from 1.00 p.m., till Sunday, 25th February, 2018 at midnight.

On Sunday, 25th February, 2018 – Tal-Pietà; Valletta

No parking is allowed:

In front of Ta' Braxia Cemetery from Saturday, 24th February, 2018, at 4.00 p.m., till Sunday, 25th February, 2018 at 4.00 p.m;

In Triq San Kristofru, Valletta corner with Triq Sant' Ursola Valletta from Sunday, 25th February, 2018, from 6.00 a.m. to 9.00 p.m.;

2 car spaces in Triq San Pawl, Valletta corner with Triq San Kristofru, Valletta from Sunday, 25th February, 2018 from 6.00 a.m. to 9.00 p.m.;

In Triq Melita Valletta from Sunday, 25th February, 2018 from noon till midnight;

In Triq Girolomo Cassar from Sunday, 25th February, 2018, from 9.00 a.m. till midnight.

On Wednesday, 28th February, 2018 and Thursday, 1st March, 2018 – Inquisitors' Palace, il-Girgenti

No parking allowed in parts of the following streets:

Fil fetħa magħrufa bħala Mundu quddiem il-Palazz tal-Inkwiżitur, Il-Girgenti, Is-Siġġiewi mit-Tlieta, is-27 ta' Frar, 2018 fl-4.00 p.m. sal-Erbgħa, it-28 ta' Frar, 2018 fl-10.00 p.m. – kontroll tat-traffiku intermittenti.

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Marzu, 2018 u l-Ġimgħa, it-2 ta' Marzu, 2018 – Marsaxlokk

Ħadd ma jista' jipparkja:

Fi Triq il-Patrijiet Tereżjani, Triq Delimara u Triq Power House mil-Erbgħa, it-28 ta' Frar, 2018 fl-4.00 p.m. sal-Ġimgħa, it-2 ta' Marzu, 2018 fl-10.00 p.m. – kontroll tat-traffiku intermittenti.

Id-9 ta' Frar, 2018

AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

Lista ta' offerti u *direct orders* mogħtija minn Aġenzija Żgħażagħ matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2017, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (AL 352/2016)

Id-9 ta' Frar, 2018

Offerti
Tenders

Nru.	Numru ta' Referenza tal-Offerta	Isem tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż
No.	*Tender Reference Number*	*Tender Name/Subject of Tender*	*Award Date*	*Contractor's name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	MEAIM/155/2015	EU Presidency first deposit	4.07.2016	Dolmen Resort Hotel	€38,696.40

Kwotazzjonijiet
Quotations

Nru.	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż
No.	*Quotation Reference Number*	*Quotation Name/Subject of Quotation*	*Award Date*	*Contractor's name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	S.H.A.M.	Youth exchange travel tickets	24.07.2017	SMS Mondial	€8,170.00

Threshold għal-kwotazzjonijiet hija ta' €5,000 eskluża l-VAT. Jekk awtorità tal-kuntratti tqis li *Direct Order* taħt it-*threshold* stabbilita hija ta' importanza sinifikattiva, hija tista' tiġi inkluża.

In the area known as Mundu in front of the Inquisitors Palace in Girgenti, Siġġiewi, from Tuesday, 27th February, 2018 at 4.00 p.m. till Wednesday, 28th February, 2018 till 10.00 p.m. – intermittent traffic control

Thursday, 1st March, 2018 and Friday, 2nd March, 2018 – Marsaxlokk

No parking allowed:

In Triq il-Patrijiet Tereżjani, Triq Delimara and Triq Power House, from Wednesday, 28th February, 2018 at 4.00 p.m. till Friday, 2nd March, 2018 at 10.00 p.m. – intermittent traffic control.

9th February, 20178

AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

List of tenders and direct orders awarded by Aġenzija Żgħażagħ during the period between 1st July, 2017 and 31st December, 2017, published in line with Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (LN 352/2016).

9th February, 2018

Threshold set for quotations stands at €5,000 excl. VAT. Should a contracting authority deem that a Direct Order below the set threshold is of significant importance, it can also be included.

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IS-SERVIZZI FINANZJARJI

Lista ta' *direct orders* mogħtija mill-Awtorità ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2017, ippubblikata skont l-Artikolu 151 tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku.

Id-9 ta' Frar, 2018

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Suġġett *Subject*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż *Contract Value Excl. VAT*
MF 100/17/29	Approval for the provision of lighting fixtures for the newly refurbished office space within leased premises	12-Jul-17	AQS Med Ltd	€19,052.00
MF 100/17/29	Approval for the procurement of CISCO access switches including smartnets and ASCOM IP ECTBASE stations	14-Jul-17	ICT Solutions Ltd	€43,510.00
MF 100/17/29	Definite Approval – Printing & multifunction metered services (i.e. printing, photocopying, faxing and scanning needs) covering period from 1 Jan, 2017 till 30 June, 2017	17-Jul-17	Image Systems Ltd	€14,776.32
MF 100/17/29	Definite Approval for the procurement of office furniture for the newly refurbished office space within leased premises	24-Jul-17	FINO	€61,262.46
MF 100/17/29	Definite Approval for the procurement of office furniture for the newly refurbished office space within leased premises	24-Jul-17	DEX Workspaces	€22,686.14
CT 5000/2017/II	Negotiated Procedure with GO plc Bandwidth Provision and Related Services – 3yrs	30-Aug-17	GO plc	€267,647.62
MF 100/17/29	Cleaning services for the newly refurbished office space within leased premises – 3yrs	12-Sep-17	All Clean Services	€86,218.88
MF 100/17/29	Renewal of licences of HPE care pack services	09-Nov-17	BMIT Ltd	€16,678.00
MF 100/11/1	Renewal and addition of Wmware licenses and subscriptions covering Vmware Site Recovery Manager, vRealise, vCentre and an addition of vRealise Licenses	09-Nov-17	SG Solutions Ltd	€35,287.90

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

List of direct orders awarded by the Malta Financial Services Authority during the period between 1st July, 2017 and 31st December, 2017 published in terms of Article 151 of the Public Procurement Regulations 2016.

9th February, 2018

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Suġġett *Subject*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż *Contract Value Excl. VAT*
MF 100/11/1	Procurement of an SFTP server solution	30-Oct-17	Handd Business Solutions	€34,486.73
MF 100/17/29	Upgrade to the check point Firewall Architecture	15-Nov-17	Computime Ltd	€54,827.73
MF 100/17/29	CISCO services contract	03-Jul-17	ICT Solutions Ltd	€34,652.39

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

Lista ta' kuntratti għal *direct orders* mogħtija mill-Ministeru dwar l-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2017, ippubblikata skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, 2016.

Id-9 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR ENERGY AND WATER MANAGEMENT

List of contracts for direct orders awarded by the Ministry for Energy and Water Management between 1st July, 2017 and 31st December, 2017, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations 2016.

9th February, 2018

Nru. ta' Referenza tad-*Direct Order* *Direct Order Reference No.*	Isem tad-*Direct order*/ Suġġett tad-*Direct Order* *Direct order Name/ Subject of Direct Order*	Data Approvata *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Ammont tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excluding VAT*
MF100/17/43	Contract for Service with Mr Jason Marston for a period of 12 months	8/24/2017	Mr Jason Marston	€12,000.0
MF100/17/43	Leasing of vehicle Lexus IS 300H for a period of 60 months	9/4/2017	Sixt Rent-a-Car	€41,100.0
MF100/17/43	Contract for Service with Dr Edward Zammit Lewis for the provision of professional legal consultancy services for a period of 6 months	9/27/2017	Hon. Dr Edward Zammit Lewis	€26,000.0
MF100/17/43	Legal Assistance in arbitration proceedings for a period of 12 months	11/27/2017	Camilleri Preziosi Advocates	€20,000.0
MEW-PROC/10/2017	Refurbishment supplies and works	10/2/2017	Beta Centre Ltd.	€5,120.5
MEW-PROC/10/2017	Office furniture	10/10/2017	Oxford House Ltd	€5,180.5
MEW/32/2017/1	Electrical supplies and services	11/17/2017	ESS Ltd	€5,422.0
MEW/36/2017	Supply and installation of air conditioning units	12/11/2017	Kenneth Caruana	€7,160.0
MEW/32/2017/1	Electrical and mechanical works	10/15/2017	Elton Borg	€6,000.0
MEW-PROC/19/2017/P11	Wood works icw refurbishement of premises	11/21/2017	Armstrong Woodworks Ltd	€22,700.0
MSCDM/166/2016	Video conferencing system	12/26/2017	Merlin Computers Ltd	€6,095.0

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

Lista ta' Kuntratti mogħtija mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2017, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (AL 352/2016)

Id-9 ta' Frar, 2018

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

List of Contracts awarded by the Malta Communications Authority during the period between 1st July, 2017 and 31st December, 2017, published in line with Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (LN 352/2016).

9th February, 2018

Kwotazzjonijiet
Quotations

Nru	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni	Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż
No	*Quotation Reference Number*	*Quotation Name/Subject of Quotation*	*Award Date*	*Contractor's name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	10679	ZEST – Hotel accommodation Grp	23/08/2017	Corinthia Hotel	€7530.99
2	11085	Audit of MaltaPost QoS year ending 30/09/2018	02/11/2017	Ernst & Young Limited	€7000.00
3	11149	BR2017 – Venue and catering (2)	09/11/2017	Hilton Malta	€8347.46
4	10622	Tiles for V18 and V19	07/08/2017	MRCD	€6134.94
5	10658	Berec CN Nov – AV Services	17/08/2017	Nexos & Co. Ltd	€5000.00

Direct Orders

Nru	Numru ta' Referenza tad-*Direct Order*	Isem tad-*Direct Order*/ Suġġett tad-*Direct Order*	Data Approvata	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż
No	*Direct Order Reference Number*	*Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	*Approval Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	10550	Maintenance and support	17/07/2017	ATDI-Adv Topographic Development & Image	€16,968.00
3	10560	Annual report 2016	17/07/2017	BPC International Limited	€7,911.86
5	10652	Audit year end 2017, 18 and 19	17/08/2017	Ernst & Young Limited	€29,100.00
6	10599	Legal Services	26/07/2017	Ganado & Associates Advocates	€11,864.41
7	10794	Telescopic mast	25/09/2017	Joseph Cachia & Son Limited	€19,746.91
8	10795	New van for the technical unit	25/09/2017	Michael Attard Ltd	€22,008.47

Nru	Numru ta' Referenza tad-*Direct Order*	Isem tad-*Direct Order*/ Suġġett tad-*Direct Order*	Data Approvata	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż
No	*Direct Order Reference Number*	*Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	*Approval Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
9	10927	ZEST - AV services	11/10/2017	Nexos & Co. Ltd	€12,588.87
10	10718	QoS software application	01/09/2017	Ookla	€40,100.00
11	10821	Consultancy – eIDAS	25/09/2017	Saled sprl	€8,600.00
12	11222	Study – 2017-2018	23/11/2017	Startup Genome LLC	€21,549.87
13	10566	Pro-rata subscription 01 Aug-31 Dec 2017 for new services: consumer protection, spectrum, competition law, postal service	17/07/2017	Cullen International	€8,333.00
14	10820	GO USO claim for funding 2015	25/09/2017	Ernst & Young Limited	€9,900.00
15	10674	Employee survey	22/08/2017	KPMG	€6,500.00

Ma kienx hemm varjazzjonijiet u offerti bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2017.

There were no variations and tenders between 1st July, 2017 and 30th December, 2017.

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Sospensjoni ta' Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jgħarraf illi nhar il-Ħadd, il-25 ta' Frar, 2018, mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m., Triq iż-Żurrieq, Triq l-Iskola u l-pjazza ta' Ħal Safi se jkunu magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja f'dawn il-ħinijiet.

Id-9 ta' Frar, 2018

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħal Safi Local Council notifies that on Sunday, 25th February, 2018, from 7.00 a.m. till 1.00 p.m., Triq iż-Żurrieq, Triq l-Iskola and the village centre will be closed for traffic. Parking will not be permitted during these hours.

9th February, 2018

KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

Laqgħa Pubblika Annwali

Skont l-artikolu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) se ssir laqgħa pubblika annwali tal-lokalità nhar it-Tnejn, id-19 ta' Frar, 2018, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, Nru. 7 Triq il-Knisja, Il-Qrendi, fis-7.00 p.m.

Għal din il-laqgħa huma mħeġġa li jattendu u jieħdu sehem fid-diskussjonijiet dawk il-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

Ir-residenti li jattendu se jkollhom il-ħin biex jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Id-9 ta' Jannar, 2018

QRENDI LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with article 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held on Monday, 19th February, 2018, at the Qrendi Local Council's Office, No. 7, Triq il-Knisja, Qrendi, at 7.00 p.m.

All residents whose names appear on the latest Qrendi Local Council's Registry are encouraged to attend this meeting and take part in the discussions.

The residents attending for this meeting will have time to make their suggestions for the consideration of the Local Council.

9th January, 2018

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻABBAR

Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar jgħarraf li nhar il-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018, mit-8.00 a.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq is-Santwarju (mir-*roundabout* fejn hemm il-monument ta' Agatha Barbara sa Misraħ tal-Madonna Medjatriċi), f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, Triq Hompesch, fi Triq il-Kbira (minn Triq Hompesch sa Misraħ is-Sliem) u f'Misraħ is-Sliem.

Mill-10.00 a.m. sa nofsinhar it-trasport pubbliku se jitla' minn Triq Villabate u jidħol għal Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Ħadd ma jista' jipparkja mit-3.00 p.m. fil-venda l-antika fi Triq is-Santwarju.

Mill-5.30 p.m. il-vetturi li tilgħin minn Triq is-Santwarju se jiġu devjati għal Triq San Duminku.

Id-9 ta' Frar, 2018

ĦAŻ-ŻABBAR LOCAL COUNCL

Traffic and Parking Suspension

The Ħaż-Żabbar Local Council notifies that on Sunday, 11th February, 2018, no parking will be available from 8.00 a.m. onwards in Triq is-Santwarju (from roundabout near the Agatha Barbara monument to Misraħ tal-Madonna Medjatriċi), in Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, in Triq Hompesch, in Triq il-Kbira (from Triq Hompesch to Misraħ is-Sliem) and in Misraħ is-Sliem.

From 10.00 a.m. public transport will be deviated from Triq Villabate to Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

No parking will be available from 3.00 p.m. in Triq is-Santwarju (ex-bus terminus).

From 5.30 p.m. vehicles will be deviated from Triq is-Santwarju to Triq San Duminku.

9th February, 2018

KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

Sospensjoni ta' Pparkjar

Il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex jgħarraf illi nhar il-Ħadd, il-11 ta' Frar, 2018, minn nofsinhar, sat-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018, fil-*Yacht Marina* ta' Ta' Xbiex se jkun hemm attività tal-karnival f'Ta' Xbiex. Għaldaqstant, ħadd ma jista' jipparkja f'parti mill-*Yacht Marina* f'dawn il-ġranet msemmija.

Id-9 ta' Frar, 2018

TA' XBIEX LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

Ta' Xbiex Local Council notifies that on Sunday, 11th February, 2018, from noon, till Monday, 12th February, 2018, there will be a Carnival activity at the Yacht Marina in Ta' Xbiex. Therefore, no parking is allowed in the mentioned days in part of the Yacht Marina

9th February, 2018

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEJTUN

Laqgħa Pubblika Annwali

Skont l-Artikolu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa pubblika annwali nhar it-Tlieta, it-13 ta' Frar, 2018, fis-6.00 p.m., fis-Sala Mikiel Cachia, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ż-Żejtun.

Il-pubbliku huwa mħeġġeġ jattendi u jipparteċipa fid-diskussjoni.

Id-9 ta' Frar, 2018

ŻEJTUN LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with Article 70 of the Local Councils' Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held on Tuesday, 13th February, 2018, at 6.00 p.m., in Mikiel Cachia Hall, at the Żejtun Local Council offices.

All residents must attend and participate in the discussion.

9th February, 2018

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar it-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018, mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m., Triq il-

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Monday, 12th February, 2018, from 6.00 p.m. till 9.00 p.m., Triq il-

Kbira, Triq Karmnu Zarb, Triq l-Oratorju u parti minn Misraħ il-Knisja (fin-naħa tal-Każin tal-Banda) se jkunu magħluqa għat-traffiku kollu.

Ħadd ma jista' jipparkja f'Misraħ il-Knisja f'dawn il-ħinijiet u f'din id-data.

Id-9 ta' Frar, 2018

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar it-Tlieta, it-13 ta' Frar, 2018, mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. Triq Karmenu Zarb se tkun magħluqa għat-traffiku.

Id-9 ta' Frar, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Biċċerija fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima tgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. MSDEC/AGR 59/2017 (Avviż 2/2018). Provvista u konsenja ta' *food-grade printing consumables* (*labels*).

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviżi li ġejjin se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. F 95/2017 (Avviż 3/2018). Xogħlijiet ta' rinnovar ta' żewġ *hoist cranes* li jinsabu fil-*hard-standing facility* f'Marsaxlokk.

Kbira, Triq Karmnu Zarb, Triq l-Oratorju and part of Misraħ il-Knisja (on the side of the Band Club) will be closed for traffic.

No parking is allowed in Misraħ il-Knisja during these hours and on this date.

9th February, 2018

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Tuesday, 13th February, 2018, from 9.00 a.m. till 1.00 p.m., Triq Karmenu Zarb will be closed for traffic.

9th February, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Public Abattoir within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

Up to Friday, 16th February, 2018, at 10.00 a.m., for:

Advt No. MSDEC/AGR 59/2017 (Advert 2/2018). Supply and delivery of food-grade printing consumables (labels).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

9th February, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Department of Fisheries and Aquaculture within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notices will be received on the day and time indicated below:

Up to Friday, 16th February, 2018, at 10.00 a.m., for:

Advt No. F 95/2017 (Advert 3/2018). Refurbishment works of two hoist cranes located at the hard-standing facility, Marsaxlokk.

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-2 ta' Marzu, 2018, għal:

*Avviż Nru. F 84/2015/4 VOL II (Avviż 6/2018). Provvista, konsenja u kkummissjonar ta' *Stainless Steel Hand Pallet Truck with Radio Frequency* (RF) *Connectivity to Point of Sale* (POS) għall-Faċilità tal-*Fish Market* fi ħdan id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

*Avviż Nru. F 124/2017 (Avviż 7/2018). Provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjonar ta' *main filtration system* għad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

*Avviż Nru. F 126/2017 (Avviż 8/2018). Xogħlijiet ta' rinnovar fuq *fibreglass tanks* għad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

*Avviż Nru. F 127/2017 (Avviż 9/2018). Provvista, konsenja u kkummissjonar ta' *electric generator* għad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

*Avviż Nru. F 123/2017 (Avviż 10/2018). Lottijiet għall-provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjonar ta' pompi, *air blowers* u *cold rooms* għad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jidhru/jitniżżlu u jiġu sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2018

Up to Friday, 2nd March, 2018, at 10.00 a.m., for:

*Advt No. F 84/2015/4 VOL II (Advert 6/2018). Supply, delivery and commissioning of Stainless Steel Hand Pallet Truck with Radio Frequency (RF) Connectivity to Point of Sale (POS) for the Fish Market Facility within the Department of Fisheries and Aquaculture.

*Advt No. F 124/2017 (Advert 7/2018). Supply, delivery, installation and commissioning of a main filtration system for the Department of Fisheries and Aquaculture.

*Advt No. F 126/2017 (Advert 8/2018). Refurbishment works on fibreglass tanks for the Department of Fisheries and Aquaculture.

*Advt No. F 127/2017 (Advert 9/2018). Supply, delivery and commissioning of an electric generator for the Department of Fisheries and Aquaculture.

*Advt No. F 123/2017 (Advert 10/2018). Lots for the supply, delivery, installation and commissioning of pumps, air blowers and cold rooms for the Department of Fisheries and Aquaculture.

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

9th February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Diviżjoni għar-Regolamentazzjoni Veterinarja u Fitosanitarja fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima tgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. VPRD 186/2017 (Avviż 3/2018). Provvista u konsenja ta' tubi tal-*vacuum*, labar u *plastic holders* għall-kollezzjoni ta' kampjuni tad-demm għal għanijiet ta' analiżi fid-Diviżjoni għar-Regolamentazzjoni Veterinarja u Fitosanitarja.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Veterinary and Phytosanitary Regulation Division within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

Up to Friday, 16th February, 2018, at 10.00 a.m., for:

Advt No. VPRD 186/2017 (Advert 3/2018). Supply and delivery of vacuum tubes, needles and plastic holders for the collection of blood samples for analysing purposes at the Veterinary and Phytosanitary Regulation Division.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

9th February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttorat tal-PARKS u Inizjattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti/kwotazzjonijiet elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, l-20 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. PARK 7/2013/44 (Avviż 5/2018). Servizzi ta' tindif li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent fil-Park tal-Familja ta' Sant'Antnin.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jidhru/jitniżżlu u jiġu sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The PARKS and Initiatives Directorate within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic tenders/quotations in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below:

Up to Tuesday, 20th February, 2018, at 10.00 a.m., for:

Advt No. PARK 7/2013/44 (Advert 5/2018). environmentally friendly cleaning services at Sant'Antnin Family Park.

Quotation/tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

9th February, 2018

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi PMCs, offerti u kwotazzjonijiet elettroniċi dwar l-avviżi li ġejjin se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, it-28 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. MESDC 23/2017 (PMC 2/2017). Konsultazzjoni tas-suq preliminarja għall-irkupru ta' demel tal-bhejjem minn *farms* tal-baqar u ħnieżer u l-espotazzjoni sussegwenti tiegħu.

Id-data tal-għeluq tal-avviż ta' hawn fuq ġie estiż mit-Tlieta, id-9 ta' Jannar, 2018.

Id-dokumenti tal-PMC/offerti/kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2018

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

The Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change notifies that electronic PMCs, tenders and quotations in respect of the following notices will be received on the day and time indicated below:

Up to Wednesday, 28th February, 2018 at 10.00 a.m., for:

Advt No. MESDC 23/2017 (PMC 2/2017). Preliminary market consultation for the retrieval of livestock slurry/manure from cattle and pig farms and its subsequent export.

The closing date of the above advert has been extended from Tuesday, 9th January, 2018.

PMC/tender/quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

9th February, 2018

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonjiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti/kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt)

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Tenders/quotations are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt)

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, il-15 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/07/2018. Xogħlijiet ta' tħaffir ta' trinek u tqegħid ta' *pipes* fi Triq il-Wied, Ħal Qormi, mill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/08/2018. Xogħlijiet ta' tħaffir ta' trinek u tqegħid ta' *pipes* f'diversi toroq f'Paola mill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/09/2018. Xogħlijiet ta' tħaffir ta' trinek u tqegħid ta' *pipes* fi Triq Patri Ġużè Delia, il-Beżbiżija, limiti tal-Mosta, mill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma

Kwot. Nru. WSC/Q/04/2018. Provvista u konsenja ta' pompa ta' taħt l-ilma għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa is-16 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/10/2018. Bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' linka, *toner* u *data cartridges* b'*direct order* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa il-21 ta' Frar, 2018, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/05/2018. Bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' *ordinary portland cement* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma

Kwot. Nru. WSC/Q/06/2018. Provvista u konsenja ta' *stepped couplings* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, l-1 ta' Marzu, 2018, għal:

Avviż Nru. WSC/T/14/2018. Provvista u konsenja ta' *automatic power factor correction units* għall-Impjant tal-R.O. għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 15th February, 2018, for:

Advt No. WSC/T/07/2018. Trenching and pipelaying works at Triq Il-Wied, Ħal Qormi, by the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/08/2018. Trenching and pipelaying works at various roads in Paola by the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/09/2018. Trenching and pipelaying works at Triq Patri Ġużè Delia, Beżbiżija, limits of Mosta, by the Water Services Corporation

Quot. No. WSC/Q/04/2018. Supply and delivery of submersible pump for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 16th February, 2018, for:

Advt No. WSC/T/10/2018. Framework agreement for the supply and delivery of ink, toner and data cartridges through direct order for the Water Services Corporation

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 21st February, 2018, for:

Quot. No. WSC/Q/05/2018. Framework agreement for the supply and delivery of ordinary portland cement for the Water Services Corporation

Quot. No. WSC/Q/06/2018. Supply and delivery of stepped couplings for the Water Service Corporation

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 1st March, 2018, for:

Advt No. WSC/T/14/2018. Supply and delivery of automatic power factor correction units for Ċirkewwa R.O. Plant for the Water Services Corporation

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operpators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Id-9 ta' Frar, 2018

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż. Nru. WSC/T/12/2018. Investigazzjonijiet ġeotekniċi għall-kostruzzjoni ta' mina ta' taħt l-art għar-rinnovar ta' *primary water network* bejn ir-riżerva ta' Ta' Qali, ir-riżerva ta' San Ġwann u l-impjant tar-*Reverse Osmosis* ta' Pembroke tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Id-9 ta' Frar, 2018

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

9th February, 2018

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders will be received on the date and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 14th February, 2018, for:

Advt No. WSC/T/12/2018. Geotechnical investigations for the construction of underground tunnel for upgrading of primary water network between Ta' Qali reservoir, San Ġwann Reservoir and Pembroke Reverse Osmosis Plant of the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

9th February, 2018

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Il-Proġett jista' jkun ikkunsidrat biex jiġi parzjalment iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE; 15% Fondi Nazzjonali

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project may be considered for part-financing by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, it-22 ta' Frar, 2018, għal:

Avviż. Nru. WSC/T/11/2018. Tħaffir ta' trinek u xogħlijiet ta' pajpijiet fi Triq il-Wied, l-Imsida, mill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Id-9 ta' Frar, 2018

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders will be received on the date and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 22nd February, 2018, for:

Advt No. WSC/T/11/2018. Trenching and pipelaying works at Triq Il-Wied, Msida, by the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

9th February, 2018

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Il-Proġett jista' jkun ikkunsidrat biex jiġi parzjalment iffinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE; 15% Fondi Nazzjonali

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project may be considered for part-financing by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għas-Sejħa għall-Parteċipazzjoni RFP Nru. 021-60002/18. *Trastuzumab 150mg vials*, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Jannar, 2018, id-data tal-għeluq ġiet estiża għat-Tlieta, it-13 ta' Frar, 2018.

Id-9 ta' Frar, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the Request for Participation RFP No. 021-60002/18. Trastuzumab 150mg vials, published in the Government Gazette dated 16th January, 2018, the closing date has been extended to Tuesday, 13th February, 2018.

9th February, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għas-Sejħa għall-Parteċipazzjoni RFP Nru. 021-60003/18. *Sunitinib preparations*, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Jannar, 2018, id-data tal-għeluq ġiet estiża għat-Tlieta, is-6 ta' Marzu, 2018.

Id-9 ta' Frar, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO tat-taqsima *Central Procurement and Supplies Unit*, Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru: 0802U18A, 0802U18B, 0802U18C jintlaqgħu sal-11.00 a.m. tat-Tnejn, it-12 ta' Frar, 2018.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'*email* lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Id-9 ta' Frar, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti), fil-Ministeru għas-Saħħa jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, is-26 ta' Frar, 2018. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 019-0127/18. Siġġijiet tar-roti 18 *inch* – Proċedura Aċċellerata

Dan id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, l-1 ta' Marzu, 2018. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-0125/18. *Sterile disposable caeserean drapes*
CFT 020-0126/18. *Intraosseous needles, G18 and G16*
CFT 021-0128/18. *Cloazpine tablets*
CFT 001-0129/18. Ilma minerali għall-entitajiet kollha fid-Diviżjoni tas-Saħħa
CFT 022-0130/18. *Mattresses for hospital use for MCH*
CFT 021-0132/18. *Nevirapine 200mg tablets*
CFT 021-0133/18. *Lamivudine 150mg tablets*
CFT 026-0134/18. *Metal lockers*

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the Request for Participation RFP No. 021-60003/18. Sunitinib preparations, published in the Government Gazette dated 16th January, 2018, the closing date has been extended to Tuesday, 6th March, 2018.

9th February, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference 0802U18A, 0802U18B, 0802U18C will be received up to 11.00 a.m. on Monday, 12th February, 2018.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

9th February, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), in the Ministry for Health notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. on Monday, 26th February, 2018. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 019-0127/18. Wheelchairs 18 inch – Accelerated Procedure

This tender document is free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. on Thursday, 1st March, 2018. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-0125/18. Sterile disposable caeserean drapes
CFT 020-0126/18. Intraosseous needles, G18 and G16
CFT 021-0128/18. Cloazpine tablets
CFT 001-0129/18. Mineral water for all entities within the Health Division
CFT 022-0130/18. Mattresses for hospital use for MCH
CFT 021-0132/18. Nevirapine 200mg tablets
CFT 021-0133/18. Lamivudine 150mg tablets
CFT 026-0134/18. Metal lockers

Dawn id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, it-8 ta' Marzu, 2018. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 009-0131/18. Provvista u installazzjoni ta' *venetian blinds* u *vertical black out blinds* għall-Isptar Mater Dei u SAMOC.

Dan id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System* (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-ID* tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet/offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Id-9 ta' Frar, 2018

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Sejħa għal Kwotazzjonijiet – Għoti ta' Servizzi Legali
Ref: FES/HO/2018/05

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES), qed titlob kwotazzjonijiet għall-għoti ta' Servizzi Legali, partikolarment b'konnessjoni ma' kwistjonijiet amministrattivi, xogħol u relazzjonijiet industrijali. Dan is-servizz se jkun qed ikopri wkoll pariri legali oħra b'mod ġenerali.

